MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Numru 4/2005

**Ir-Repubblika ta' Malta**

***versus***

**Dr Noel Arrigo LL.D., iben Maurice u Iris *née* Lapira, imwieled tas-Sliema nhar is-26 ta' Diċembru 1949 u residenti fil-fond numru 186, Saint Margaret Street, Siġġiewi, jew f'numru 440A, Main Street, San Pawl il-Baħar, detentur ta' karta ta' identità bin-numru 489501(M)**

Wara li b'verdett mogħti fl-24 ta' Novembru 2009 sabet lill akkużat ħati tal-akkużi miġjuba kontrieh, *viz.*:

- ħati taħt l-ewwel kap tal-att ta’ akkuża u taħt l-art. 155 (*b*) u (*ċ*) tal-Kodiċi Kriminali talli, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab, irċeva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utli ieħor, jew ta’ xi vantaġġ ieħor, li għalih huwa ma kellux jedd, b’dan li l-iskop tal-ħlas, tal-wegħda jew ta’ l-offerta kien sabiex jonqos li jagħmel dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel, u b’dan ukoll illi barra milli aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, fil-fatt naqas li jagħmel dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel;

- ħati taħt it-tieni kap tal-att ta’ akkuża u taħt l-artt. 121A(2) u 141 tal-Kodiċi Kriminali talli rċieva u aċċetta xi offerta jew wegħda ta’ xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor bil-għan li jeżerċita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeċiedi xi uffiċjal jew impjegat pubbliku, b’dana wkoll illi sar ħati ta’ reat li hu, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi; u

- ħati taħt it-tielet kap tal-att ta’ akkuża u taħt l-art. 133 tal-Kodiċi Kriminali talli, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, ikkomunika jew ippubblika dokument jew fatt li ġie fdat lilu jew li kien ġie magħruf minnu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu, u illi kellu jibqa’ sigriet, jew b’xi mod għen biex jiġi magħruf,

Il-qorti għal dak li jgħid u jrid l-art. 490 tal-Kodiċi Kriminali semgħet x’għandhom xi jgħidu l-partijiet u semgħet ukoll xhieda mressqa mid-difiża dwar il-karattru u mġieba tal-ħati sabiex tasal li tqis il-piena li tgħodd għall-każ.

Qabel xejn għandu jingħad illi l-parametri tal-piena, fid-dawl ta’ dak li jgħidu u jridu l-artt. 17(*b*), 31, 115(*b*) u (*ċ*), 121A, 141, 133 u 119 tal-Kodiċi Kriminali huma bejn erba’ snin u tliet xhur bħala massimu u disa’ xhur bħala minimu.

Naraw issa liema huma l-fatturi li għandhom iwasslu lill-qorti biex tqis jekk l-aktar piena xierqa għandhiex tkun

eqreb il-massimu jew il-minimu ta' dik li skond il-liġi tista' tingħata.

L-ewwel fattur li għandu jitqies ma jistax ma jkunx dak tal-gravità tar-reati li bihom instab ħati l-akkużat u l-enormità tal-fatt illi l-Qorti tal-Appell Kriminali, l-ogħla organu ġudizzjarju fil-qasam tal-ġustizzja penali, effettivament ġiet fil-kontroll ta' nies midħla tal-kriminalità. Dan kien fatt li għamel ħafna ħsara kemm lis-sistema ġudizzjarju u kif ukoll lill-fiduċja li n-nies għandu jkollhom u jinħtieġ li jkollhom fl-imparzjalità tal-qrati: fiduċja min-naħa l-waħda u imparzjalità min-naħa l-oħra li l-istat ta' dritt ma jistax igħaddi mingħajrhom. Li ma kienx għall-effiċjenza tal-pulizija u tal-qawwiet l-oħra tal-ordni pubbliku din il-ħsara kienet tkun akbar u aktar dejjiema.

Dan huwa fattur li ma jistax ma jkunx rifless fis-sentenza li għandha tingħata.

Għandu jingħad ukoll illi, għalkemm ċertament il-ħati ma jistax jiġi penalizzat talli għażel li jinqeda bil-jedd fondamentali tiegħu li jikkontesta l-akkużi miġjuba kontrieh, min-naħa l-oħra ma jistax jingħata l-benefiċċju li jistħoqq lil min jagħżel minjeddu li jikko-opera mal-proċess tal-ġustizzja. Din il-ko-operazzjoni kienet, f'dan il-każ, ċertament nieqsa fl-atteġġjament u fl-imġieba tal-ħati.

Min-naħa l-oħra, il-qorti trid tqis ukoll illi wieħed mill-għanijiet ewlenija tal-piena – għalkemm mhux l-element waħdieni – hija r-riforma tal-ħati. Il-qorti hija fiduċjuża u moħħha mistrieħ illi l-akkużat żgur ma huwiex sejjer jaqbad triq ta' kriminalità. Temmen dan mhux biss għax toqgħod fuq dawk li xehdu fuq il-karattru tal-ħati wara li ngħata l-verdett fl-24 ta' Novembru 2009 iżda wkoll għax temmen li l-fatt li bniedem jiżbalja, u wkoll jekk jiżbalja bil-goff, ma jfissirx li dak huwa bniedem ħażin. Anzi, l-iżball jista' jservi biex jiftaħlu għajnejh dwar il-ħażen ta' mġieba li qabel forsi kien jasal biex jagħmel kompromessi dwarha. Il-qorti tifhem u temmen illi ma kinux il-malvaġità u l-kilba għall-flus iżda d-dgħjufija u ħbieb foloz li waqqgħu lill-akkużat fil-ħtija.

Il-qorti tapprezza wkoll illi, fil-limitazzjoni tal-possibbiltajiet li kellu f’dak il-waqt, il-ħati bl-ittra ta’ riżenja tiegħu lill-Eċċellenza Tiegħu l-President ta’ Malta ftit jiem biss wara li nkixfu l-fatti fittex li jnaqqas il-ħsara li ċertament kienet tkun akbar li kieku baqa’ jżomm il-ħatra li kellu u l-ġudikatura baqgħet titmexxa minn persuna taħt suspett hekk serju sakemm jitwassal sa tmiemu l-proċess ta’ *impeachment*. Dan, naturalment, għandu jitqies ukoll fil-kuntest tal-fatt illi l-pożizzjoni tal-ħati kienet saret mhux aktar tenibbli għalkemm il-qorti xorta tapprezza r-riżenja bikrija.

Il-qorti tqis ukoll il-fatt illi l-ħati għażel illi l-flus jagħtihom karità. Għalkemm, għar-raġunijiet imfissra fis-sentenza tal-verdett, il-qorti ma hijiex għal kollox b’moħħha mistrieħ dwar il-waqt meta ttieħdet dik id-deċiżjoni, jekk hux tassew l-għada li għaddew il-flus jew meta l-fatti bdew jinkixfu, tifhem illi lill-ħati għandha tagħtih il-benefiċċju tad-dubju u, għalkemm ma qisitx dan il-fatt għall-għanijiet tas-sejbien ta’ ħtija, sejra tqisu għall-għanijiet tal-piena. Ċertament, din l-imġieba tikkontrasta ma’ dik ta’ min il-flus mar jonfoqhom f’ħanut tad-deheb.

Il-qorti sejra tqis ukoll il-fedina penali tal-ħati nadifa minn ħtijiet gravi u, ħlief għar-reati taħt l-att ta’ akkuża tallum, nadifa għal kollox għal dawn l-aħħar tmintax-il (18) sena. Biex ikun stmat bħal ħaddieħor – kif għandu jkun – għandu jingħata l-benefiċċju li jingħata lil min ma huwiex mogħti għal delinkwenza abitwali.

Il-qorti tifhem ukoll illi għandha tinżamm relatività mal-piena mogħtija lill-persuni l-oħra li kellhom x’jaqsmu f’dan il-każ, għalkemm trid tqis ukoll illi l-ħati kellu dmirijiet, u għalhekk ukoll responsabbiltà, ogħla minn ħaddieħor u trid tqis ukoll in-nuqqas ta’ ko-operazzjoni mal-ġustizzja.

Id-difiża issottomettiet ukoll illi l-ħati ħallas ta’ ħtijietu bl-imrar, bil-pubbliċità negattiva, bl-umiljazzjoni u bit-trawma psikoloġiku li għadda minnhom, li ħallew ukoll effett fuq saħħtu. Semmiet ukoll dak kollu li għaddiet minnu l-familja tiegħu li l-qorti tapprezza li kienet waħda mill-vittmi ta’ dan l-episodju. Madankollu, iżda, dawn il-fatturi ma

jistgħux jieħdu post il-piena li hija stabbilita mil-liġi u mil-liġi biss.

Il-qorti qieset ukoll dak li tgħid u trid is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 t'Ottubru 2003 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija *vs* Dr Noel Arrigo LL.D. u Dr Patrick Vella LL.D., li sabet ksur tad-drittijiet fondamentali tal-ħati u li kopja tagħha tqiegħdet fil-proċess.

Il-qorti tapprezza wkoll illi l-età, l-istat ta' saħħa u l-ħtieġa tal-inkolumità tal-ħati fl-ambjenti tal-faċilitajiet korrettivi huma fatturi ta' relevanza għall-modalità ta' kif tiġi skontata l-piena. Madankollu, billi huma l-awtoritajiet tal-faċilità korrettiva li għandhom is-setgħa u d-dmir li jqisu dawn il-fatturi, u wkoll fid-dawl ta' dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali f'sentenza mogħtija fl-20 ta' Marzu 2009 *in re* Repubblika ta' Malta *versus* Bernard *sive* Benny Attard, il-qorti ma hija sejra tagħti ebda provvediment dwar dan.

Il-qorti semgħet ukoll l-argument tad-difiża dwar iż-żmien li l-ħati għamel taħt arrest domiċiljarju. Madankollu, l-art. 22 tal-Kodiċi Kriminali jgħid illi għandu jitqies parti miż-żmien ta' priġunerija kull żmien li tulu l-ikkundannat ikun inżamm fil-ħabs. Ladarba l-ħati ma nżammx il-ħabs iżda fid-dar tiegħu, u għalhekk dak iż-żmien ma jistax jitqies għall-għanijiet ta' l-art. 22, lanqas ukoll ma għandu jitqies għall-għanijiet tal-*quantum* tal-piena għax jekk tagħmel hekk il-qorti tkun qiegħda tmur kontra dak li jgħid u jrid l-art. 22.

Wara li qieset dawn il-fatturi kollha, il-qorti hija tal-fehma illi piena xierqa tkun dik ta' priġunerija għal sentejn u disa' xhur.

Għalhekk il-qorti, wara li rat l-artt. 17(*b*), 31, 115(*b*) u (*ċ*), 121A, 141, 133 u 119 tal-Kodiċi Kriminali, u tiddikjara lill-akkużat ħati tat-tliet kapi ta' akkuża miġjuba kontra tiegħu, tikkundannah għall-piena ta' sentejn u disa' xhur priġunerija, b'dan illi għandha tiżdied ukoll il-piena ta' interdizzjoni ġenerali perpetwa kif igħidu u jridu l-artt. 10(2) u 119 tal-Kodiċi Kriminali.

Wara li rat ukoll l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-flejjes li servew għall-korruzzjoni, u tordna wkoll il-pubblikazzjoni tas-sentenza kif irid l-art. 10(7).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------